MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Numru 280/2001

**Il-Pulizija**

(Spettur Carmelo Magri)

**vs**

**Carmelo Bonnici**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Bonnici ta’ 24 sena bin Joseph u Antonia nee’ Farrugia imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Novembru 1977 u li joqghod Binja tal-Faqqani Entratura B, Flat 6, Dawret it-Torri Santa Lucia u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 12078(m).

Talli:

F'Rahal Gdid fit-2 ta' Frar, 2001 ghal habta tat-8:00 ta' filghaxija kkommettejt serq ta' mutur tal-ghamla 'Piaggo Typhoon' bin-numru tar-registrazzjoni FAE 232 ghad-dannu ta' Edward Rickett minn Rahal Gdid liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istessa data, hin u lok u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq l-istess mutur 'Piaggo Typhoon' bin-numru tar-registrazzjoni FAE 232. Liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-dannu ta' l-istess Edward Rickett minn Rahal Gdid.

Talli sirt recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih a tenna wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Stante ammissjoni issibu hati.

Rat l-artikoli 261,263,270,267,325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49,50 u 289 ta' l-istess kap. Rat ukoll l-artikolu 7(2) tal-Kap 446, wara li kkunsidrat it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni li ser tapplika.

Filwaqt li ssibu hati qed tqeghdu ghal sorveljanza ta' tlett (3) snin taht ufficjal tal-probation maghzul mid-Direttur tal-Probation. Il-hati qed jiffirma quddiem il-Qorti Ordni ta' Probation li qed tfiehmu l-kondizzjonijiet hemm imnizzla.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------